# IR-RABA' PARTI
# QORTI TAL-KUMMERĊ

**11 ta' Marzu, 1987**

**Imħallef: –**

**Onor. J.A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**

Joseph Scicluna *noe*

*versus*

Frank Cachia *noe*

**Konkorrenza – Konkorrenza Sleali – Notizzji għal Skop ta' Konkorrenza li jistgħu jagħmlu ħsara lill-Industrija**

*Kawża dwar konkorrenza sleali. Apparti l-mertu fattwali, ġie ribadit il-prinċipju illi kwantu għal notizzji li jistgħu jikkostitwixxu konkorrenza sleali, ma hemmx għalfejn il-fatti diffużi jew imxandra jkunu falzi. Fil-fatt anke notizzji veri diffużi, huma biżżejjed biex dan l-aġir jaqa' taħt id-dispot ta' l-artikolu ppreċitat.*

*Ġew miċħuda t-talbiet attriċi għaliex il-Qorti ma sabitx ir-rekwiżiti ta' tali ksur.*

Il-Qorti: –

L-attur qed jallega li d-ditta attriċi, li tinnegozja fis-"*Surfboards*", kienet qiegħda fil-kors ta' negozjati mad-ditta Awtrijaka "*Tornado Sportortikel "Ges. M.b.H. & Co.*" ta' Bai

Ischi sabiex tirrappreżentaha f'Malta. It-trattattivi preliminari kienu ġew konklużi u d-ditta estera aċċettat li tibgħat lis-Soċjetà attriċi l-ewwel konsenja ta' *Surfboards;*

Il-konvenut *nomine* huwa wkoll importatur ta' "*Surfboards*", għal skop ta' konkorrenza pprova u rnexxielu jiegħu dik ir-rappreżentanza billi kkommunika notizzji li jagħmlu ħsara lill-kummerċ ta' l-istess attur *nomine* kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Għalhekk l-attur *nomine* qed jistitwixxi din il-kawża biex din il-Qorti tiddikjara:

1. Li l-informazzjoni li għaddiet lid-ditta estera tikkostitwixxi att ta' konkorrenza sleali għad-danni ta' l-attur *nomine* u;

2. Konsegwentement il-konvenut *nomine* jiġi kkundannat li jħallas lill-attur *nomine* penali ta' mhux inqas minn Lm10 u mhux aktar minn Lm500 a tenur ta' l-artikolu 41(3) tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

Min-naħa tiegħu l-konvenut Frank Cachia *nomine* qed jeċċepixxi li l-allegazzjonijiet ta' l-attur *nomine* huma infondati billi d-ditta eċċipjenti ma kkommettiet ebda att ta' konkorrenza sleali u għalhekk it-talbiet ta' l-attur għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

Fid-dikjarazzjoni tiegħu l-konvenut biex jispjega aħjar l-eċċezzjoni tiegħu qal li huwa jimporta "*Surfboards*" li huwa kien ġie nnominat bħala aġent tad-ditta barranija waqt komunikazzjoni bit-"*telephone*" u huwa kien ta dettalji veri u reali lid-dar ta' barra ta' l-iżviluppi li kien hemm dwar l-ottjeniment ta' l-aġenzija;

Mill-provi prodotti mill-partijiet f'din il-kawża jirriżulta li d-ditta *Tornado* oriġinarjament kienet rappreżentata minn ċertu Eddie Woods. Milli jidher dan kien tilef l-interess f'din id-ditta u kien ilu xi xahrejn ma jagħmel xi ordnijiet mingħandha għall-prodotti tagħha. Inzerta li ż-żewġ kontendenti kienu interessati jakkwistaw is-"*Sole Agency*" ta' l-istess ditta u għamlu rappreżentant lill-istess biex jieħdu l-aġenzija. Jirriżulta wkoll li l-kontendenti kienu qegħdin jagħmlu r-rappreżentanzi tagħhom *più o meno* fl-istess perijodu u *ċjoè* Lulju – Awissu 1983;

In fatti l-ewwel ma għamel l-attur kien li ċempel lid-ditta estera biex jesmprimi x-xewqa tiegħu u l-għada bagħatilha t-*Telex* Dok. A. F'din it-*Telex* huwa għarrafha li huma jirrappreżentaw lid-ditta *Windglider "and have the only Surf Shop in Malta"*. Barra minn dan taha tagħrif ieħor rigward banek u xi riferenzi oħra. Minn eżami tad-Dok. B ittra ta' l-attur lid-ditta estera tad-29 ta' Lulju 1983 jidher li l-attur kien għadu qiegħed jinsisti magħha biex jakkwista l-aġenzija u xtaq risposta malajr "*to give you more details regarding a possible agency*". Bit-*telex* tal-5 ta' Awissu 1983 l-attur talab lista tal-prezzijiet għall-mudelli li xtaq jimporta u aktar dettalji dwar faċilitajiet dwar "*credit facilities*". Fit-8 ta' Awissu 1983 id-ditta estera bagħtitlu *telex* biex tinfurmah bil-prezzijiet u xi informazzjoni oħra dwar faċilitajiet rigward l-esportazzjoni. Fl-istess ġurnata l-attur bagħat *Telex* oħra lit-*Tornado* biex jagħmel l-ordni tiegħu. Skond din it-*telex* huwa għamel l-ordni tiegħu soġġetta għall-kondizzjoni li "*This order is subject to a sole agency being granted to us*". Dan jindika li sa dak in-nhar lill-attur ma ġie konċess l-ebda *Sole Agency* kif jippretendi hu. L-għada difatti in risposta għat-*Telex* Dok. E id-ditta estera rrifjutat l-ordni tiegħu kif soġġetta għall-kondizzjoni fuq imsemmija u qaltlu li hi kienet saret taf li apparti li huwa kien jirrappreżenta

lid-ditta *"Windglider"* huwa kellu interess f'żewġ ditti oħra *"Mistral"* u *"Critt"* li kienu in jikkompetu mat-*Tornado* ħafna u li kwindi ma setgħux jagħtu l-Aġenzija tat-*Tornado* kif xtaq hu. Fil-fatt f'ebda mir-rappresentanzi li huwa għamel mat-*Tornado* ma kien qatt semma li huwa kien xi *shareholder* jew li kellu interess dirett f'xi kumpaniji jew ditti li kienu jimpurtaw mingħand dawn iż-żewġ ditti;

Fl-istess perijodu ta' meta kienu qegħdin għaddejjin it-*Telexes* bejn l-attur u d-ditta estera fuq imsemmija l-konvenut ukoll kien qed jagħmel ħiltu kollha biex jakkwista l-aġenzija tat-*Tornado*. In fatti dan kien avviċina lid-ditta *Tornado* fil-bidu ta' Awissu 1983 u dan billi kien jaf li l-istess ma kellhiex aġent f'Malta. Huwa għamel bħall-attur u beda biex talabha l-aġenzija u offra li jagħmel ordni konsiderevoli biex iħajjarha u talabha informazzjoni dwar prezzijiet u kummissjonijiet. Din irrisponditu li kienet interessata u talbitu wkoll informazzjoni u d-ditta tiegħu bħal ma għamlet ma' l-attur. Il-konvenut wera ċertu għaġġla fit-trattattivi u dan billi ried jagħmel l-ewwel ordni minħabba xi tlielaq li kienu sejrin isiru fil-futur viċin;

Il-konvenut mill-ewwel kien informa lid-ditta *Tornado* bl-aġenziji li kellu ta' l-*"Aquate"* u s-*"Sailboard"*. Għall-ewwel kien ħaseb li kien iċċara dan il-punt mad-ditta *Tornado* fis-sens li dawn iż-żewġ aġenzji ma kienx ser ikun ta' tfixkol għad-ditta *Tornado* jekk din tagħtih l-Aġenzija. In fatti t-trattattivi bejniethom kienu waslu biex jiġu konklużi però f'daqqa waħda d-ditta estera bagħtitlu *Telex* li infurmatu bil-kuntrarju u ċjoè li ma setgħetx tagħtih l-aġenzija minħabba l-aġenziji li kellu. Il-konvenut kien qiegħed f'kompetizzjoni ma' l-attur biex jakkwsita l-aġenzija tat-*Tornado* u sar jaf li l-attur ma kienx semma l-aġenzija l-oħra li hu kellu interess fihom lil din id-ditta

u ħass li kellu jinfurmaha hu stess. B'hekk ġie li d-ditta estera kellha ritratt ċar ta' x'kienet is-sitwazzjoni taż-żewġ kontendenti f'Malta. Malli d-ditta *Tornado* saret taf bid-ditti l-oħra li fihom kellu interess l-attur mill-ewwel qabdet qatgħet in-negozjati miegħu u tat l-aġenzija lill-konvenut;

L-informazzjoni li ta l-konvenut lit-*Tornado* ma kienet b'ebda mod informazzjoni falza jew qarrieqa. In fatti anke d-difensur ta' l-attur stess jammetti li l-attur kellu interess fil-*Mistral* u l-*Windglider*. Mill-provi li ġew prodotti mill-konvenut jidher ċar li l-attur kellu interess sew fit-tliet ditti "*Windglider, Mistral u Critt*". Dan l-interess jidher ampjament ċar mid-dokumenti esebiti a fol. 6 u 7 tal-proċess. In fatti l-*boards* ta' dawn it-tliet ditti jinsabu rreklamati bħala li jinbigħu mill-ħanut *Surf Shop Mosta*, u ċjoè ħanut ta' l-attur li hu sa mill-bidu nett kien qal lid-ditta *Tornado* li huwa "*the only Surf Shop in Malta*";

L-azzjoni esperita mill-attur hija dik ikkontemplata fl-artikolu 38(1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ li jgħid "Il-Kummerċjanti ma jistgħux għal skop ta' konkorrenza jxandru notizzji li jistgħu jagħmlu ħsara lill-industrija jew kummerċ ta' kummerċjanti oħra. Fil-ġurisprudenza tagħna huwa kostanti l-prinċipju li m'hemmx għalfejn il-fatti diffużi jew imxandra jkunu falzi. Fil-fatt anke notizzji veri diffużi huma biżżejjed biex dan l-aġir jaqa' taħt id-dispost ta' l-artikolu preċitat;

Fil-każ in eżami ż-żewġ kontendenti kienu qegħdin jirsistu biex jakkwistaw l-aġenzija tad-ditta *Tornado*. Fil-kawża ċċitata mill-attur "E. Vincent Kind *vs* Carmelo T. Borg" il-fatti li taw lok għaliha huma differenti minn dawk li taw lok għall-kawża odjerna. In fatti f'dik il-kawża l-attur kien ġà kellu "*exclusive distribution arrangement*" u l-konvenut ittanta jakkwista

aġenzija minfloku billi informa lid-ditta estera fuq id-dewmien tal-merkanzija tiegħu fid-Dwana u għalhekk talabha biex jirrappreżentaha hu. Fil-każ in eżami ħadd mill-kontendenti ma kien għadu akkwista l-aġenzija tad-ditta *Tornado;*

Apparti dan kollu però, il-liġi tirrikjedi wkoll li n-notizzja trid tkun tali li tista' tagħmel ħsara lill-kummerċ ta' kummerċjanti oħra. Fil-fatt kull ma jirriżulta li għamel il-konvenut f'dan il-każ li wara li hu kien informa lid-ditta estera bil-posizzjoni tiegħu eżatta rigward in-negozju tiegħu tas-*Sail Boards* u ċjoè in partikolari li kien jirrappreżenta ditti oħra ta' l-istess ġeneru, meta ġie rrinfaċċjat b'sitwazzjoni li fiha kien hemm ħadd ieħor li billi qiegħed jipprova jakkwista d-ditta *Tornado* u dan għad li kellu interess ukoll fi tliet ditti oħra f'xogħol ta' l-istess ġeneru, ma kienx ta informazzjoni eżatta lid-ditta *Tornado* qalilha hu stess biex ikun jista' jikkwalifika. Bħala fatt il-konvenut bl-atti tiegħu ma setax jagħmel ħsara lill-attur fil-kummerċ tiegħu bħala aġent tat-*Tornado* għaliex id-ditta ma kienx għadu akkwistaha;

Fil-fatt fil-fehma ta' din il-Qorti l-konvenut ma jistax jiġi ritenut li kien sleali fil-konfront ta' l-attur mad-ditta estera. It-tnejn kienu qegħdin jikkontendu għaliha iżda waqt li l-konvenut ta l-informazzjoni kollha rikjesta minnu, l-attur kien ftit jew xejn reticenti. Bl-għemil tiegħu l-attur jista' jingħad li kien sleali lejn il-konkorrent l-ieħor, il-konvenut. Sewwa qal id-difensur tal-konvenut fin-nota tiegħu f'dan ir-rigward "B'hekk huwa mhux biss xerred notizzji li setgħu jagħmlu ħsara lill-konvenut imma fin-nuqqas ta' kompletezza tagħhom kienu foloz u anki a detriment tad-dar ta' barra" (fol. 58). Dak li għamel il-konvenut kellu jagħmlu bħala konsegwenza tan-notizzji inkompleti li xerred l-attur b'dannu tiegħu;

Taħt dawn iċ-ċirkostanzi t-talbiet ta' l-attur *nomine* ma jidhrux li jistgħu b'xi mod jiġu milqugħa;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, għalhekk tiċħad it-talbiet ta' l-attur *nomine* bl-ispejjeż kontra tiegħu.